# X’ser nagħmel?

Nitgħallmu nittrattaw tajjeb lil xulxin, u jkollna rieda tajba biex nifhmu aħjar lil ta’ madwarna u napprezzawhom aktar.

Jeżisti mhux il-faqar materjali biss. U mhux il-faqar li flok niekol biċċa laħam qed niekol platt għaġin.

Il-gwerer għadhom jeżistu, il-ġuħ ma nqeridx, li ngħidu ‘le’ għall-valuri tal-ħajja qed tiżdied waqt li l-injoranza għadha magħna.

Insibu l-inġustizzi anke fil-familji u l-postijiet tax-xogħol. Dawn iġibu biss disgwid u ġlied. Għalhekk naħdmu biex nevitawhom.



